Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 69
# It-Tnejn 19 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

## PREZENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier <hareg fis-7:20>

## ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Maurice Agius – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFICJAL PREZENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

69.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

69.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar fuq xoghol.

69.1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Maurice Agius li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

69.1.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Matthew Agius li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

69.1.05 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

69.2.01 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti L7_66 kif miftiehem fi-tmiem il-laqgħa L7_66 ġew posposti għal-laqgħa ohra.

**69.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

69.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari AKL 2018/14-WIFIEU <69.3.01> sejha ta' interess ghal dawk il-Kunsilli lokali li jixtiequ jaghmlu progett biex jitwassal il-WIFI f'postijiet daqxejn, izda mhux hafna remoti.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew, pproponew u approvaw li dan ghandu jsir go zoni bhal Gnien il-Kunsill Lokali, Gnien Victor Denaro u Misrah San Guzepp.

69.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda stedina ghal tislima lill-Kappilan Fr. Norman <69.3.02> u talbet biex min se jattendi jikkonferma.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew, pproponew u approvaw li dan ghandu jinghata tifkira bhala rringrazjament tas-servizzi moghotija fi hdan il-kommunita' Msidjana u sa massimu ta' 100 euro.

69.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda sejha ghal zjarat kulturali <69.3.03> u staqsiet jekk jistax ikun hemm interess biex forsi din ssir ghall-anzjani.
Is-Sur Lino Bartolo wiegeb li fost l-anzjani ma tantx jintwera interess ghal giti bhal dawn.

69.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <69.3.04> minghand is-Sur Matthew Pace ghall-istabbiliment Uncle Matts Kitchen ghal permess biex jorganizza bosta attivitajiet matul ix-xhur li gejjin.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw it-talba b'riserva wahda ghal xi granet ta' attivita' li jistghu jahbtu ma' attivitajiet ohra tal-festa tal-Imsida u li ghandha ssir laqgha mas-Sur Pace biex dawn ir-riservi jigu diskussi.

69.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda sejha ta' interess <69.3.05> ghall-inizjattiva Earth clean up.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu ghal partecipazzjoni u pproponew xi zoni fejn jista' ikun hemm problemi ta' skart.

69.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba ghal Clothes Skip biex ssir Xatt ta' Xbiex <69.3.06>
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu fil-principju izda mhux fuq il- post li gie ssuggerit pero' li kellu jinstab post alternattiv fejn dan jista' isir.

69.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrispondenza <69.3.07> dwar applikazzjonijiet ghall-EM citizens u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li applikaw 14-ir resident mill-Imsida.

**69.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

69.4.01 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk fil-proposta ta' traffic management ghal triq Sant'Andrija, jekk hux se tinbidel is-sistema ta' Triq Dijonisju Famucelli.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li din se tibqa l-istess.

69.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux ser isir patching fi Triq ta' Xmiexi.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li bhal bnadi ohra jekk hemm bzonn il-patching dan se jsir.

69.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hadniex xi risposta mill-pulizija dwar il-gatherings go Triq Gemma Portelli.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-gurnata ma gietx risposta.

69.4.04 Is-Sur Charles Selvaggi xtaq jirringrazja lill min hu responsabli biex fl-ahhar saru ir-railings go Triq Rue d'Argen u meta se ssir il parkegg.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li dawn saru minn Trasport Malta u li ghandhom javzaw meta il-parkegg ghandu isir. hawn kompliet tgharraf lill-kunsilliera prezenti li dawn wkoll ser jaghmlu x-xoghol fejn hemm il- hofra hdejn il-monument.

69.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux possibbli naraw ghaliex hareg aviz mid-dipartiment tal-artijiet LAPC 6/17 fis-Swatar u jekk hemmx xi konsultazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ga qed jiccekja fuqu.

69.4.06 Is-Sur Charles Selvaggi qal li hemm bicca minn bankina go Triq it-torri fejn Big Ben flats biex tittranga.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ha nota.

69.4.07 Is-Sur Lino Bartolo staqsa biex issir xi haga ghal-latrina.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ga qabbad surveyor biex jaghmel is-survey u li dan ga baghatu lill-perit biex jaghmel il-pjanti ghal- latrina gdida u mad-dawra taghha.

69.4.08 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk jistax issir xi haga mad-dawra tal-bandli tas-Swatar.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dan ghandu isir u se jitlob ghall-istimi qabel ma johrog works request.

69.4.09 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hemmx bzonn ta aktar hamrija ghax persuna gharrfitu li ghandu kwantita' peres li qed iwaqqghu xi bini ghall-izvillupp.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li hemm bzonn biss jekk din ghandha tintefa mal-ewwel fil-post u titwitta minn min igib il-hamrija ghax il-haddiema ghandhom hafna xoghol fil-mument u jekk il-hamrija tinxtehet fuq il-bankini u taghmel ix-xita ikun hemm stragi. Ghalhekk dan ghandu jaghti stima ta' kemm tiswa, inkluz biex titwitta.

**69.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

69.5.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella talab lill-kunsilliera prezenti jiddeciedu fuq id-data ghal-laqgha annwali.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li dan isir nhar fis-27 ta' Marzu fil- 05:30 pm, qabel il-laqgha tal-Kunsill.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai pproponiet biex tavza lill-kapillan il-gdid jattendi u jiltaqa' mall-kunsilliera.
Il-Kunsilliera prezenti qablu li din ghandha ssir qabel il-laqgha tal-Kunsill.

69.5.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda talba ghal sejha KLMsd TDR 1-2018 for the profesional services of an Architect for the L-Imsida Local Council, fejn gharraf lill-kunsilliera prezenti li l-kuntratt prezenti se jiskadi u hemm bzonn ssir sejha ohra.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li ssir is-sejha.

69.5.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda talba ghal sejha KLMsd TDR 2-2018 for the installation of a perimiter fence and gate at the L-Imsida playing field.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li ssir is-sejha.

69.5.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda talba ghal Fire and safety Consultation and training li jiswa 600 euro inc. VAT u spjega li fir-risk assesment li sar, inhasset il-htiega biex ikun hemm tahrig basiku lill- impjegati filwaqt li l-kunsill jibda jahseb biex jaghmel dak li hu neccessarju biex ikun hemm aktar sigurta'.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw.

69.05.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda talba ghal- telephone PABX hybird system gdida li tiswa 2269.78 euro inc. VAT u spjega li s-sistema prezenti hija antika u kien hemm problemi u dewmien biex jinstab apparat ghar-reception desk u l-agent gharrfu li s-sistema hija obsolete. Is-sistema pprezentata hija Hybird u tista' tkun addattata analog, digital, dect cordless jew Voip wired extensions li tghin biex tiffranka minn telefonati u tnaqqas in-numru tal-linji ezistenti.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw li tigi installata sistema gdida.

69.5.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda talba ghall-bidu tal-progett biex ir-reception area tigi maghluqa ghas-sigurta tal-impjegati ghax din hija wisq accessibbli u kulhadd jidhol kif ifettillu. Hawn kompla jispjega li din kienet ukoll ssuggerita fl-ahhar Risk assesment u pprezenta zewgt stimi bid-disin wahda ghal bank gdid u ohra ghal perspex sas saqaf u bieb. Dawn bejnithom jigu jswew 9736.42 euro.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li reception area trid tinghalaq izda huma tal-fehma li jintalbu aktar disinji u stimi.

69.5.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf il-kunsilliera prezenti li gew approvati mill-PA erbgha progetti u saru l-kuntratti ghal fondi UIF u pprezenta fuq il-mejda talba ghal bidu tal-progetti ta' bankini godda go L-ewwel parti minn Triq Robert Naudi, parti minn triq il-Bacir, Parti minn triq G.Mitrovich u l-progett ta' traffic manegment hdejn il-Junior College stmati 39,111.74 ewro ma' dawn iridu jizdiedu l-ispejjez ghall-WSC house service connections 4,196.72 ewro.

Is-Sindku talbet liIl-Kunsilliera prezenti biex jekk ghandhom xi ideat fejn jistghu jigu wzati dawn il fondi biex iwasslu is-sugerimenti taghhom qabel il-laqgha tal kunsill. Ix-xoghol fuq il-progetti gie approvat unanimament.

69.5.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda talba ghal reallokazzjoni tal-Bring in site go triq Victor Denaro minhabba li dawn huma quddiem substation u ma jistghux ikunu organizzati ma' hajt.
Is-Sur Lino Bartolo qal li fejn hu propost qed jintuza minn kelb ghal dawk neqsin mid-dawl u kienet saret apposta ghal dan il-ghan minhabba resident fiz-zona. Hawn kompla jispjega li mar jiccekkja jekk dan ir-resident ghadux jaghmel uzu minn din u kkonferma li iva u talab biex din titnaddaf mill-hmieg tal-klieb minn zmien ghall-iehor.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u ppproponew li jinstab sit iehor fit-triq fejn jitqeghdu l-iSkips.

69.5.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda l-proceduri ghall-kumitati ghall-evalwazzjoni u spjega lill-kunsilliera prezenti li c-cirkulari ga kienet intbaghatet fil-bidu tas-sena. Hawn kompla jispjega li ghandu jinhatar kumitat gdid ghall-evalwazzjoni fejn kunsillier wiehed jista' ikun ic-Chair person bla dritt ghal vot.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew b'xi riservi u opinjonijiet differenti u ddecidew li jimxu mar-regolamenti.

69.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni dwar assenza ta' kunsilliera mill-laqghat tal-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda kopja tal-lista ta' attendenza <dc 69/5/9> u gharraf lill-kunsilliera prezenti li hemm xi kunsilliera li mhux qed jattendu ghal-laqghat kif mitlub f'artiklu 18 ta' Kap 363, l-att dwar il-kunsilli lokali. Hawn kompla jispjega li kif titlob il-ligi, huwa qed jgharraf lill-kunsill biex qabel ma jikteb lill-Ministru b'din l-assenza, il-Kunsill ghandu jiddiskuti jekk l-assenza tal-kunsilliera kienitx dovuta ghar-ragunijiet gustifikati.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fethet id-diskussjoni bejn il-kunsilliera prezenti li waslu ghall-konkluzjoni, li skond ic-cirkustanzi kif diskussi, in-nuqqas ta' attendenza ta' dawn il-kunsilliera hija gustifikata.
Il-kunsilliera prezenti talbu l-isegretarju Ezekuttiv, biex filwaqt li dan ghandu jaqdi d-dmir tieghu, dan ghandu jgharraf lill-Ministru, li kunsilliera prezenti unanimament jaqblu u qed jaghmlu r-rakkomandazzjoni taghhom biex il-ministru ma jiddikjarax dawn il-postijiet vakanti.

69.5.11 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda kopji tal- 4th Qtr financial indicators u Rapport Finanzjarju ghas sena 2017.
L-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante, tat spjegazzjoni tar-rapport fejn spjegat li l-kunsill Lokali ghamel progress fil-qaghda finanzjarja u wiegbet fid-dettal ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera prezenti.
Is-Sur Charles Selvaggi ghamel xi osservazjonijiet ta' kif qed jigi pprezentat lr-rapport li ma jurix fid-dettal ta' kemm saru progetti u fuq x'hiex sar ix-xoghol u n-nies dawk josservaw.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghalkemm dawn ma jidhrux fid-dettal dawn xorta kunu hemm fl-accounts. Ix- xoghol li sar matul is-sena se jkun inkluz fir-rapport annwali li se jkun ukoll accessibbli ghall-pubbliku bhal rapporti u minuti.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw iz-zewg rapporti.

**69.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

69.6.01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda kopja tar-rapport tal-kumitat tal-evalwazzjoni MLC 002/2014 Collection of Bulky refuse in an environmentally friendly manner u ta rendikont ghaliex dan it-tender rega infetah ghall-evalwazzjoni. Hawn kompla jgharraf lill-kunsilliera prezenti bir-rakomandazzjoni tal Kumitat li t-Tender ghandu jinghata lis-Sur Alfred Galea, li ghalkemm ma kellux l-irhas offerta, kellu il-kriterji mehtiega ghal dan it-tender.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew ir-rapport u approvaw ir-rakomandazzjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jikteb liz-zewg operaturi li kienu kkunsidrati u se jgharrafhom bid-decizjoni tal-kunsill. Kemm-il darba jghaddu l-10 tijiem fuq id-data tan-notifika u ma jkunx hemm appell, il-kuntratt jigi ffirmat.

**69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

69.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-66 <dc 69 /7/01> ta' ħlasijiet għal approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, li din l-iskeda hija tal-laqgha L7_66 li ma setghatx titkompla minhabba li ma kienx ghad fadal quorum.
L-iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.
Skeda ġiet approvata unanimament.

**69.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

69.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Marzu 2018 fil-6:30 ta' filgħaxija wara il-laqgha Generali.

Minuti konfermati, illum 27 ta' Marzu 2018

**IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |